# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 503/2011/3 FDP**

**Boris Arcidiacono Limited (C 16463)**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc u b'digriet tal-20 ta' Ġunju, 2012, ġie kjamat in kawża Dr. Adrian Delia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-26 ta' Frar, 2025, magħmula mill-kumpanija attriċi Boris Arcidiacono Limited taħt is-**subartikoli (e)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 2024, wara li tiġi mħassra

l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf tat-23 ta’ Mejju, 2011, il-kumpanija attriċi Boris Arcidiacono Limited fissret li fl-1 ta’ Ġunju tas-sena 2009, hija ħadet faċilità ta’ self mingħand il-bank konvenut HSBC Bank Malta plc, bil-għan li tħallas bosta mill-kredituri tagħha.

3. Stqarret li wara li għadda ftit taż-żmien, intebħet li l-bank konvenut kien ħareġ mill-faċilità ta’ self tagħha, ċekk fis-somma ta’ €86,210 favur l-Avukat Adrian Delia, u dan bla ma hija jew inkella ħaddieħor awtorizza dak il-ħlas.

4. Kemm minħabba f’hekk, kif ukoll fuq l-istqarrija li l-għemil tal-bank konvenut għamlilha l-ħsara, il-kumpanija attriċi Boris Arcidiacono Limited fetħet din il-kawża li biha talbet lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tordna lill-istess bank illi jikkanċella għar-raġunijiet premessi d-debitu ta’ sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) addebitat lill-kont tal-kumpanija attriċi fl-1 ta’ Ġunju, 2009, kif ukoll jiġu kkanċellati l-imgħaxijiet kollha illi l-bank konvenut jippretendi li mmaturaw mill-1 ta’ Ġunju 2009, sad-data effettiva tat-tħassir tal-istess ammont.*
>
> *2. Tiddikjara lill-bank konvenut responsabbli għad-danni sofferti u li qed issofri l-kumpanija attriċi.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-bank konvenut minn issa inġunt għas-subizzjoni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali ta’ Awissu 2010 u bl-inġunzjoni tal-istess bank konvenut.»*

5. Bi tweġiba maħlufa tal-25 ta' Lulju, 2011, l-HSBC Bank Malta plc laqa' għall-kawża tal-kumpanija attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-pagament inkwistjoni ta' €86,210 magħmul favur Dottor Adrian Delia sar konformament mal-ftehim milħuq bejn is-soċjetà attriċi u l-Bank konvenut sabiex jingħata self adegwat sabiex ikopri inter alia l-ħlas ta' drittijiet legali u professjonali tas-soċjetà attriċi u li fuq kollox jirriżulta illi l-pagament sar fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono dakinhar stess li sar il-kuntratt ta' self. Għalhekk mhuwiex minnu illi tali pagament sar mingħajr ebda awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi.*

*2. Illi inkwantu illi s-soċjetà attriċi tilmenta illi dan il-pagament li tħallas lill-Avukat Delia ma kienx dovut jew li seta' kien eċċessiv billi kien hemm bejn il-partijiet retainer agreement u li fi kwalunkwe każ kien in eċċess tat-tariffa applikabbli, din il-kawżali mhijiex opponibbli fil-konfront tal-Bank konvenut billi ma kienx il-kompitu jew l-obbligu tal-Bank li jivverifika l-bażi tad-drittijiet professjonali dovuti, aktar u aktar f'ċirkostanzi fejn kien evidenti illi s-soċjetà attriċi kienet taf bit-talba li saret minn Dottor Adrian Delia kif ukoll bil-pagament li kien qed isir lil Dottor Delia fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono.*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatt illi l-istess soċjetà attriċi talbet li tinħareġ irċevuta fiskali waħda minn Aequitas Legal għall-ammont inkwistjoni hija prova tal-aċċettazzjoni u/jew tar-ratifika dwar l-istess pagament bil-konsegwenza li s-soċjetà attriċi ma għandha l-ebda bażi legali li titlob rifużjoni tal-ammont indikat fil-konfront tal-Bank kif mitlub.*

*4. Illi fi kwalunkwe każ għandu jissejjaħ fil-kawża Dottor Adrian Delia.*

*5. Illi jsegwi illi t-talba sabiex jiġi dikjarat illi l-Bank konvenut huwa responsabbli għad-danni mhijiex legalment u fattwalment fondata.*

*6. Illi f'kull każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.»*

6. B'digriet tal-20 ta' Ġunju, 2012 (f'paġna 116 tal-atti tal-kawża), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sejħet fil-kawża lill-Avukat Dr. Adrian Delia, fuq talba tal-bank konvenut.

7. Bi tweġiba maħlufa tas-7 ta' Mejju, 2013, l-Avukat Dr. Adrian Delia

qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi preliminarjament huwa jwieġeb illi mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbet attriċi u dan, fost l-oħrajn, kif dettaljatament spjegat fir-risposta ppreżentata nhar il-11 ta' Ġunju, 2012, mis-soċjetà attriċi nfisha għar-rikors ippreżentat nhar is-6 ta' Ġunju, 2012, mis-soċjetà bankarja konvenuta permezz ta' liema talbet illi l-esponenti jissejjaħ fil-kawża. Għaldaqstant, il-kjamata in kawża tal-esponent saret inutilment;*
>
> *2. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu sostnuti kontra l-esponent peress illi l-esponent ma jistax jagħmel dak mitlub fit-talbiet attriċi, lanqas jekk jintlaqgħu, ossia la jista' jikkanċella l-ammont addebitat lill-kont bankarju tas-soċjetà attriċi, la jista' jikkanċella l-imgħaxijiet u lanqas jista' jiġi dikjarat responsabbli għal danni meta l-kundanna qiegħda tintalab kontra s-soċjetà bankarja konvenuta kaġun tal-allegat aġir tagħha;*
>
> *3. Illi fil-mertu wkoll, l-esponent iwieġeb illi in vista ta' dak kollu hawn fuq espost hija s-soċjetà bankarja konvenuta li għandha twieġeb għall-aġir tagħha, mhux l-esponent, u dan peress ukoll illi r-relazzjoni bankarja bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta hija res inter alios acta;*
>
> *4. Illi fil-mertu wkoll, iżda sussidjarjament u jekk din l-Onorabbli Qorti b'xi mod tiddeċiedi li t-talbiet attriċi huma opponibbli kontra tiegħu, huwa jopponi tali talbiet bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *5. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-partijiet l-oħra in subizzjoni.»*

8. Lejn l-aħħar tal-kawża, u sewwasew b'rikors tad-29 ta' Settembru, 2022 (f'paġna 992 tal-atti tal-kawża), il-kumpanija Boris Arcidiacono Limited talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex flimkien mal-ewwel talba tagħha, iżżid il-frażi: *«u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta jew lill-kjamat in kawża jħallsuha s-somma ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) addebitat lill-kont tal-kumpanija attriċi fl-1 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll l-imgħaxijiet kollha illi l-bank konvenut iddebita lill-kumpanija attriċi mill-1 ta' Ġunju, 2009 sad-data ta' meta ingħalaq il-kont.»*

9. B'digriet mogħti fl-istess jum, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet din it-talba (ara l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru, 2022, f'paġna 1021 tal-atti tal-kawża).

10. Iktar tard, b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-bank konvenut u tal-imsejjaħ fil-kawża, ħlief għal dik li fiha qanqal id-difiża dwar in-nuqqas ta' leġittimità passiva tiegħu. Fid-dawl ta' dan, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha ta' Boris Arcidiacono Limited, bl-ispejjeż kontriha.

11. Boris Arcidiacono Limited ma qablitx mas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u b'rikors tal-appell tas-26 ta' Ottubru, 2023 (f'paġni 924 sa 959 tal-atti tal-kawża), hija talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex tbiddel dik is-sentenza billi tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut u tal-imsejjaħ fil-kawża, u minflok tilqa' t-talbiet tagħha. Boris Arcidiacono Limited talbet ukoll lill-Qorti tal-Appell, sabiex tħassar id-digriet tad-29 ta' Settembru, 2022, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċaħditilha t-talba għal żieda fl-ewwel talba li ressqet fir-rikors maħluf.

12. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru, 2024, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, ċaħdet l-appell tal-kumpanija attriċi u b'hekk ikkonfermat kemm id-digriet tad-29 ta' Settembru, 2022, kif ukoll is-

sentenza appellata għalkollox.

13. Fost ir-raġunijiet ewlenin li għalihom il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2023, kien hemm dawn li ġejjin:

*« 42. Essenzjalment permezz tat-tieni u t-tielet aggravji l-appellanti qed titlob lil din il-Qorti twarrab l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u minflok issib illi mhux minnu li l-ħlas ta' €86,210 mill-bank konvenut lill-kjamat in kawża sar fuq struzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tas-soċjetà attriċi.*

*[omissis]*

*45. Hija ġurisprudenza l-iktar riċenti ta' din il-Qorti illi l-ġudikant fl-ewwel grad juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-atti jasal għall-konvinċiment tiegħu li jwassal għas-sentenza. Id-diskrezzjoni tal-ġudikant li jiddeċiedi l-kawża hi insindikabbli sakemm din tkun raġonevoli u motivata. Il-funzjoni tal-Qorti tat-tieni grad hija li tikkoreġi fejn tqis li jkun sar żball mill-Qorti tal-ewwel grad (***Raymond Zammit et v. Paul Caruana et.*** *Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2024).*

*46. Il-punt ta' tluq huwa l-prinċipju li jinsab* ***f'Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*** *li jipprovdi illi: «Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega.» Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Joseph Zammit v. Joseph Hili*** *mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1953 «ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi l-onus probandi hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat».*

*47. Il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (***Hans J. Link et v. Raymond Mercieca****, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2001).*

*[omissis]*

*51. Jeħtieġ għalhekk naraw qabel xejn jekk l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevoli, motivat u sufrugat mill-provi in atti.*

*52. Din il-Qorti fliet sew l-atti u ssib illi sewwa rraġunat l-Ewwel Qorti illi dak li hu ta' massima rilevanza f'din il-kawża ma hux daqstant il-kwistjoni li jidher li kellhom bejniethom is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża dwar il-kwantum tad-drittijiet professjonali dovuti lil dan tal-aħħar, daqskemm dak li effettivament seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009 meta fl-uffiċċju tal-bank konvenut ġie ppubblikat il-kuntratt ta' self tas-somma ta' tmien mitt elf ewro*

*(€800,000) kif ukoll erba' kuntratti ta' tranżazzjoni ma' terzi. Boris Arcidiacono, bħala rappreżentant tas-soċjetà attriċi, mar għal dak l-inkontru bil-ħsieb li jiġu ffirmati dawk il-ħames kuntratti. Huwa ma marx waħdu, iżda mar akkumpanjat mill-konsulent legali tas-soċjetà attriċi, l-imsejjaħ fil-kawża Dr. Adrian Delia.*

*53. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ssib mhux veritiera l-allegazzjoni ta' Boris Arcidiacono illi waqt dak l-inkontru huwa ma kienx preżenti meta fuq talba ta' Dr. Ethelbert Fenech, Dr. Delia indika lil Dr. Fenech Adami għan-nom tal-bank l-ammonti li l-bank kellu joħroġ bħala ċekkijiet, inkluż dak f'isem Dr. Delia rappreżentanti drittijiet professjonali. Xhieda oħra li kienu preżenti dakinhar xehdu li Boris Arcidiacono kien preżenti l-ħin kollu u li fl-ebda ħin ma ċċaqlaq mill-kamra fejn kienu. Meta Dr. Ethelbert Fenech Adami, in rappreżentanza tal-bank konvenut, staqsa lil Boris Arcidiacono u lill-konsulent legali tiegħu Dr. Delia kif kellhom jinħarġu ċ-ċekkijiet, Dr. Delia, fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono, tah l-ammonti kif kellhom jinħarġu l-bank drafts, fosthom wieħed ta' €86,210.00 pagabbli lill-istess Dr. Delia. Jekk Boris Arcidiacono ma kienx jaqbel li jsir dak il-pagament kulma kellu jagħmel kien li dak il-ħin stess joġġezzjona. Għażel li ma joġġezzjonax f'dak il-mument. X'għamel qabel dak l-inkontru mhux fil-preżenza ta' xi rappreżentant tal-bank konvenut ma għandu l-ebda rilevanza għal din il-kawża. Għalhekk l-aggravji tal-appellanti mressqa fit-tieni aggravju dwar konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward tar-retainer agreement ma għandhomx rilevanza għall-fondatezza u meno tat-talbiet attriċi.*

*54. Dak li jħoll u jorbot f'din il-kawża hu jekk il-bank konvenut ingħatax struzzjonijiet mis-soċjetà attriċi sabiex mill-fondi appena mislufa lis-soċjetà attriċi jħallas lill-imsejjaħ fil-kawża s-somma ta' €86,210 bħala drittijiet professjonali.*

*55. L-argument tas-soċjetà attriċi illi meta fil-jiem u ġimgħat qabel l-1 ta' Ġunju 2009 Boris Arcidiacono kien irrifjuta t-talba ta' Dr. Delia u tad-ditta legali tiegħu sabiex għas-servizzi professjonali pprestati u li kien għad iridu jiġu pprestati inkonnessjoni ma' dak li eventwalment seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2009 jitħallsu s-somma ta' ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000), ma hu tal-ebda rilevanza għall-mertu tal-kawża odjerna. Jekk ma kienx hemm qbil dwar l-ammont ta' drittijiet professjonali kulma kellha tagħmel is-soċjetà attriċi huwa li twaqqaf l-inkarigu mogħti lil Dr. Delia u lid-ditta legali tiegħu.*

*56. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma temminx l-allegazzjoni ta' Boris Arcidiacono li ma kienx jaf dakinhar tal-kuntratt li l-bank qed jgħaddi lill-imsejjaħ fil-kawża bank draft bl-import ta' €86,210 (fol. 93) bħala drittijiet professjonali dovuti mis-soċjetà attriċi. Fatt li jġib fix-xejn il-kredibiltà ta' Boris Arcidiacono f'dan ir-rigward hija r-reazzjoni tiegħu a tempo vergine meta flok riċevuta fiskali waħda nħarġu tnejn, waħda minn Aequitas Legal u oħra minn Aequitas Management Ltd. Waħda minn Aequitas Legal għas-somma ta' €37,760.00 u oħra minn Aequitas Management Ltd għas-somma bilanċjali ta' €48,450.00. Huwa argument pjuttost pwerili meta fir-rikors tal-appell jingħad illi kien l-accountant tal-*

*kumpanija li kien kiteb għas-sostituzzjoni tat-tax invoice u tal-irċevuta fiskali u mhux Boris Arcidiacono. It-talba għal tali sostituzzjoni s-soċjetà attriċi għamlitha fl-10 ta' Awwissu 2009 (fol. 123) u ffirma Adrian Farrugia għan-nom ta' Boris Arcidiacono Limited. Għalkemm Boris Arcidiacono xehed illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dik l-ittra u li ma kienx jaf li ser tintbagħat, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha ma ssibx tali verżjoni kredibbli. Dik l-ittra intbagħtet u ġiet iffirmata minn ċertu Adrian Farrugia li ffirma bħala «Pp Boris Arcidiacono Ltd.». L-ittri «Pp» u ċjoè «per pro» ma jħallu l-ebda dubju li Farrugia kien qed jikteb għan-nom tas-soċjetà attriċi fuq letterhead tagħha. Huwa bil-wisq inverosimili illi dan Adrian Farrugia jiddeċiedi waħdu, mingħajr l-iċken konsultazzjoni ma' Boris Arcidiacono, illi tax invoice li nħarġet minn Aequitas Management Ltd għas-somma ta' €48,450.00 tiġi ritornata sabiex tinħareġ oħra minn Aequitas Legal għall-istess ammont, mingħajr konsultazzjoni ma' Boris Arcidiacono. Is-soċjetà attriċi ma sejħitx lil Adrian Farrugia sabiex jixhed dwar dak li verament seħħ qabel iffirma l-ittra għan-nom tas-soċjetà attriċi. Dan ma kienx xi lapsus. Dan qed jingħad peress li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà attriċi, sa mill-bidu nett ta' din il-kawża, ma kellha l-ebda intenzjoni li ssejjaħ lil Adrian Farrugia bħala xhud; tant li lanqas biss niżlitu fil-lista tax-xhieda tagħha.*

*57. F'dan ix-xenarju din il-Qorti tqis li għandha mill-inkredibbli u mill-fieragħ l-asserzjoni ta' Boris Arcidiacono li fl-1 ta' Ġunju, 2009 ma kienx jaf li mis-self mogħti mill-bank konvenut lis-soċjetà attriċi kienet qed titħallas is-somma ta' €86,210 lill-imsejjaħ fil-kawża bħala drittijiet professjonali. L-ittra tas-soċjetà attriċi ftit ġimgħat wara sabiex tax invoice maħruġa minn Aequitas Management Ltd tiġi sostitwita b'oħra minn Aequitas Legal għall-istess ammont hija fil-fehma ta' din il-Qorti prova ċara li Boris Arcidiacono, għan-nom tas-soċjetà attriċi, kien jaf sew x'ħallas il-bank konvenut lill-imsejjaħ fil-kawża fl-1 ta' Ġunju 2009.*

*58. Fl-1 ta' Ġunju 2009, sew il-bank konvenut kif ukoll Boris Arcidiacono kienu konxji li Dr. Delia kien preżenti bħala l-konsulent legali tas-soċjetà attriċi. Kif il-bank konvenut ġustament qies l-istruzzjonijiet ta' Dr. Delia fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono dwar il-ħames ċekkijiet l-oħra pagabbli lil terzi bħala struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi; hekk ukoll ġustament qieset bħala istruzzjonijiet tas-soċjetà attriċi l-istruzzjonijiet ta' Dr. Delia, fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono, sabiex il-bank konvenut joħroġ ukoll ċekk lilu pagabbli bħala drittijiet professjonali.*

*59. Rilevanti wkoll illi filwaqt li dan kollu seħħ bejn Ġunju u Awwissu 2009, jirriżulta mill-atti illi l-ewwel ittra uffiċjali tas-soċjetà attriċi kontra l-bank konvenut bl-allegazzjonijiet eventwalment imressqa f'din il-kawża ġiet ippreżentata sena wara f'Awwissu 2010.*

*60. Dwar l-ilment tal-appellanti illi l-ewwel Qorti irriteniet li r-retainer agreement ma kienx ikopri s-servizzi reżi lis-soċjetà attriċi inkonnessjoni mal-kuntratti kollha fuq imsemmija, din il-Qorti ssib illi fil-verità x'kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar ir-retainer u jekk tali arranġament kienx għadu viġenti fl-1 ta' Ġunju 2009 huwa irrilevanti u lanqas kien parti mill-*

*mertu tal-kawża odjerna. Mhux eskluż li jista' jkun rilevanti f'kawża eventwali bejn is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża fuq mertu divers minn dak odjern; iżda mhux fil-kawża odjerna.*

*61. Biex ikun ingħad kollox, huwa evidenti minn qari tas-sentenza appellata illi, għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li r-retainer agreement ma kienx ikopri s-servizzi professjonali reżi mill-imsejjaħ fil-kawża lis-soċjetà attriċi inkonnessjoni mal-kuntratti fuq imsemmija; huwa daqstant ieħor minnu illi dik il-konsiderazzjoni ma kinitx ir-raġuni għaliex l-ewwel Qorti ddeċidiet bil-mod kif iddeċidiet.*

*62.* ***Issib għalhekk it-tieni u t-tielet aggravji bħala totalment infondati u qed tiċħadhom.***

*63. Permezz tar-raba' aggravju s-soċjetà appellanti tgħid illi kieku l-Ewwel Qorti għamlet analiżi tajba u oġġettiva tal-fatti u tal-liġi kienet tasal għall-konklużjoni illi l-pagament mertu tal-kawża odjerna ma kienx dovut lill-imsejjaħ fil-kawża għaliex kellu jirriżulta illi bejn is-soċjetà appellanti u Dr. Delia ma kienx hemm ftehim jew qbil dwar it-talba verbali għall-ħlas tal-ammont ta' Lm50,000.00.*

*64. Għall-istess konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti aktar qabel, kwalunkwe disputa li hemm jew kien hemm bejn is-soċjetà attriċi u l-avukat tagħha qatt ma nġab għall-attenzjoni tal-bank konvenut la qabel u lanqas fil-jum tal-1 ta' Ġunju, 2009. Is-soċjetà attriċi mexxiet din il-kawża fuq il-pretest illi hija qatt ma awtorizzat lill-bank konvenut iħallas lill-avukat tagħha. Din il-Qorti ġa ddeċidiet iktar qabel dwar tali pretensjoni u kkonkludiet li l-bank konvenut ħallas lill-imsejjaħ fil-kawża fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi.*

*65. Kwalunkwe disputa bejn is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża dwar dan l-ammont għandha tiġi trattata fi proċeduri appożiti bejniethom b'mertu divers minn dak odjern. Tajjeb jiġi mfakkar illi ma kinitx is-soċjetà attriċi li pproċediet kontra Dr. Delia imma kien il-bank konvenut li talab is-sejħa fil-kawża ta' Dr. Delia. Talba li saħansitra kienet opposta mis-soċjetà attriċi.*

*66. Filwaqt li din il-Qorti ser tiċħad dan ir-raba' aggravju, tħalli impreġudikat il-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża.»*

14. B'rikors imressaq fis-26 ta' Frar, 2025, Boris Arcidiacono Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala *«il-kumpanija ritrattandi»*) qiegħda tfisser li hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 2024, tiġi ritrattata skont is-

**subartikoli (e)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, minħabba li skontha: (i) din il-Qorti applikat il-liġi ħażin; u (ii) li s-sentenza inkwistjoni kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża.

15. Minħabba f'hekk, Boris Arcidiacono Limited qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: (i) tħassar is-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2024, għar-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 811(e) u 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2023; u (iii) tilqa' l-istess appell, bl-ispejjeż kollha kontra l-HSBC Bank Malta plc u l-Avukat Adrian Delia.

16. B'żewġ tweġibiet separati tal-24 u l-25 ta' Marzu, 2025, l-Avukat Adrian Delia u l-HSBC Bank Malta plc, rispettivament, wieġbu għal dan ir-rikors, u hemmhekk huma niżżlu r-raġunijiet tagħhom għalfejn it-talbiet ta' Boris Arcidiacono Limited għandhom jiġu miċħuda. Fuq il-premessa li t-talba għal ritrattazzjoni hija waħda fiergħa u tressqet bil-għan ta' inkejja, il-bank ritrattat talab ukoll lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lil Boris Arcidiacono Limited tħallasha l-ispejjeż għal darbtejn.

17. Inżammet seduta fil-15 ta' Mejju, 2025, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

19. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u kisbet l-istat ta' ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' dik is-sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina et*** mogħtija mill-qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

20. Huwa għalhekk magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li r-rimedju ta' ritrattazzjoni jista' jingħata biss f'dawk iċ-ċirkostanzi li taħseb għalihom il-liġi, li f'kull każ għandhom jingħataw tifsira dejqa, mingħajr l-ebda tiġbid jew analoġija (ara ***Michele Peresso Limited et v. Upim S.r.l.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024).

21. L-**<u>ewwel raġuni</u>** li għaliha Boris Arcidiacono Limited qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2024, hija mibnija fuq iċ-ċirkostanza msemmija fl-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u sewwasew fuq ir-raġuni li s-sentenza attakkata hija milquta minn applikazzjoni ħażina tal-liġi.

22. Skont Boris Arcidiacono Limited, l-applikazzjoni ħażina tal-liġi saret għaliex kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll il-Qorti tal-Appell: *«għażlu li japplikaw waħedhom il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-kuntratti, mingħajr ma applikaw ukoll jew minflok il-provvedimenti speċifiċi tal-liġi u verament applikabbli għall-każ odjern ossia l-provvedimenti li jirregolaw ċirkostanzi fejn parti jkollha obbligi fiduċjarji lejn parti oħra, inkluż l-**Artikoli 1224A et seq** u l-**Artikoli 1856 et seq** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.»*

23. F'dan is-sens, il-kumpanija ritrattandi titlaq billi tilmenta li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll il-Qorti tal-Appell naqsu milli japprezzaw li mal-konklużjoni tal-kuntratt ta' self, is-self mogħti lilha ġie pperfezzjonat u b'hekk hija saret minnufih is-sid tas-somma mislufa. Tirraġuna li minn dak il-mument 'il quddiem, l-HSBC Bank Malta plc beda jżomm għandu dawk il-flejjes bħala depożitarju u b'hekk huwa tgħabba kemm bl-obbligi fiduċjarji kif imsemmija fl-**Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili** u applikabbli bl-**Artikolu 1871A(1) tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll bid-dmirijiet ta' depożitarju kif imsemmija fl-**Artikolu 1889 tal-Kodiċi Ċivili**.

24. Dwar l-obbligi fiduċjarji, Boris Arcidiacono Limited targumenta li bl-**Artikolu 1124A(4) tal-Kodiċi Ċivili**, il-bank ritrattat kien marbut li jwettaq dawk l-obbligi bid-diliġenza ta' ġenitur tajjeb tal-familja u *«jevita kull kunflitt ta' interess jew kull kunflitt ta' fiduċja jew obbligazzjonijiet*

*fiduċjarji.»* Tilmenta li għalkemm dawn kellhom ikunu l-obbligi ewlenin li l-bank ritrattat kellu jħares bir-reqqa, madankollu mill-provi rriżulta kif f'dan il-każ, l-istess bank naqas għalkollox milli jimxi magħhom.

25. Sabiex issostni dan, il-kumpanija ritrattandi tirreferi għax-xhieda ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami u tgħid li minn hemmhekk joħroġ kif il-bank ritrattat qabad u ħareġ somma ġmielha ta' €86,210 mill-kont tagħha, mingħajr biss ma kellu spjegazzjoni ċara u sostanzjata bil-miktub għalfejn joħroġ dawk il-flejjes. Tenfasizza li mill-istess xhieda ta' Dr. Fenech Adami, jidher ukoll kif l-interess tal-bank kien biss dwar kif huwa kien sejjer iħares l-interessi tiegħu bl-ipoteki, u mhux ukoll li jħares l-interessi tagħha, inkluż billi jikkonferma r-rieda tagħha dwar it-twettiq tal-ħlas inkwistjoni.

26. Tfisser li kien il-bank ritrattat li eventwalment kien mgħobbi bil-piż li jressaq provi b'saħħithom biżżejjed sabiex jikkonvinċi lill-Qorti li huwa wettaq il-ħlas inkwistjoni fuq struzzjonijiet tagħha, u dan b'mod partikolari għaliex skont l-**Artikolu 1124(4)(g) tal-Kodiċi Ċivili**, il-fiduċjarju għandu l-obbligu: *«li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji.»*

27. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-argumenti dwar in-nuqqas ta' tħaddim tal-artikoli b'rilevanza mad-dmirijiet tad-depożitarju, Boris

Arcidiacono Limited tfisser li skont l-**Artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili** d-depożitarju huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jieħu ħsieb il-ħaġa depożitata għandu, daqskemm jieħu ħsieb il-kustodja ta' ħwejġu stess.

28. Dwar dan, il-kumpanija ritrattandi tenfasizza li mill-fatti tal-kawża, mhux talli ma jirriżultax li l-bank ritrattat ħa ħsieb għal flusha daqskemm kien jieħu ħsieb lil ħwejġu, anzi bil-maqlub ħareġ kif il-bank kien moħħu biss dwar kif sejjer iħares l-interessi tiegħu. Ittenni li l-bank ritrattat kien mgħobbi bir-responsabbiltà, sabiex minn tal-inqas, ma joħroġx flejjes mill-kontijiet tagħha jekk mhux b'konferma bil-miktub mingħand id-direttur tagħha.

29. Bil-għan li ssostni dan, il-kumpanija ritrattandi tirreferi għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Ali El-Haddar et v. Lombard Bank Malta plc*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2020, u tisħaq li minn dik is-sentenza, joħroġ biċ-ċar il-prinċipju li kull min ikollu f'idejh ħwejjeġ ħaddieħor għandu jieħu ħsiebhom bil-grad ta' diliġenza ta' ġenitur tajjeb tal-familja, u bl-attenzjoni li biha jieħu ħsieb lil ħwejġu stess.

30. F'dan l-istadju, Boris Arcidiacono Limited tirreferi għax-xhieda bl-affidavit tad-direttur tagħha s-Sur Boris Arcidiacono, u tgħid li hemmhekk dan fisser bl-eżatt ir-raġunijiet għalfejn il-kumpanija ritrattandi ħadet is-self tagħha kif ukoll xi ħlasijiet kellhom isiru minnu. Tenfasizza li min-naħa

tagħhom, la l-kumpanija konvenuta u wisq inqas l-imsejjaħ fil-kawża ma għamlu xi kontroeżami lil Arcidiacono, u fid-dawl ta' dan tinsisti, li skont il-ġurisprudenza l-Qorti ma setgħetx tqis ix-xhieda tad-direttur tagħha bħala mhux kredibbli, meta dan mank biss ġie kontroeżaminat.

31. Tagħlaq billi ttenni li l-kejl li bih il-Qorti kellha tqis jekk il-bank ritrattat wettaqx dmirijietu, kif ukoll tistħarreġ jekk id-direttur tagħha kienx jaf bit-twettiq tal-pagament inkwistjoni jew le, kellu jsir fil-kuntest ta' *«prova waħda»* u sewwasew dik dwar jekk fil-qadi ta' dmirijietu, il-bank ritrattat ħax ħsieb il-kustodja ta' flusha daqskemm ħa ħsieb lill-ħwejġu stess, hekk kif mitlub bl-**Artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili**.

32. Tinsisti li f'dan il-każ ma hemm l-ebda prova ta' *«debit voucher»,* u targumenta li fin-nuqqas ta' dokument iffirmat minn Boris Arcidiacono bħala prova tal-approvazzjoni tiegħu dwar it-twettiq tal-pagament inkwistjoni, il-konklużjoni li setgħet tasal għaliha l-Qorti kienet biss li Boris Arcidiacono ma kienx awtorizza l-ħlas inkwistjoni.

33. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel kawżali li għaliha l-kumpanija ritrattandi qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza attakkata ma tista' twassalha mkien.

34. L-ewwel nett, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex tkun tista' tiġi meqjusa talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e) tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-parti ritrattandi għandha d-dmir li mhux biss issemmi l-artikolu tal-liġi li suppost kellu jiġi mħaddem fis-sentenza attakkata, iżda wkoll għandha tirreferi għal dak l-artikolu tal-liġi li fil-fehma tagħha jkun ġie mħaddem minflok dak it-tajjeb (ara ***Nutar Dottor John Cachia Zammit et v. L-Awtorità tal-Artijiet et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2024, u l-ġurisprudenza kollha hemmhekk imsemmija).

35. Ir-raġuni wara dan hija għaliex fil-kawżali dwar it-tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera mir-ritrattand huwa sewwasew li fis-sentenza attakkata tkun tħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara ***Francesco Portelli pro et noe v. Anthony Degorigo et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023; u ***Catherine Cauchi et v. Awtorità tad-Djar et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2023).

36. Issa għalkemm Boris Arcidiacono Limited semmiet bi preċiżjoni dawk l-Artikoli li fil-fehma tagħha kellhom jiġu mħaddma għal dan il-każ, madankollu meta hija ġiet biex issemmi x'kienet il-liġi l-ħażina li tħaddmet fis-sentenza attakkata, hija sempliċement qalet li l-Qorti tal-Appell ħaddmet: *«il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-kuntratti mingħajr ma applikat ukoll jew minflok il-provvedimenti speċifiċi tal-liġi verament applikabbli.»*

37. Kif ingħad f'għadd ġmielhom ta' sentenzi, riferenza vaga bħal din mhijiex aċċettabbli f'talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e)**, u fil-fatt hemm bosta sentenzi li fihom il-Qorti tal-Appell wissiet li parti ritrattandi ma tistax tħalli kollox fl-arja bit-tama li tkun il-Qorti stess li tagħmlilha xogħlha (ara ***Charlotte Grech Ellul v. L-Avukat Dr. Malcolm Pace et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 2024; u ***Jeremy S. Harris noe v. Patrick Spiteri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

38. Fil-każ tal-lum, Boris Arcidiacono Limited ma għamlitx riferenza waħda li hija waħda għall-artikolu tal-liġi li l-Qorti tal-Appell suppost ħaddmet ħażin minflok dawk l-artikoli tal-liġi li qiegħda tgħid li kellhom jiġu applikati, u billi minħabba f'hekk jonqos wieħed mill-elementi essenzjali sabiex tiġi mistħarrġa talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi, din il-Qorti tista' tieqaf hawn (ara ***Anthony Mario Vella noe v. Francis Sive Tarcisio Galea pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April, 2023; ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022; u ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022).

39. Anke però li kieku stess il-kumpanija ritrattandi kellha ssemmi xi artikolu jew artikoli tal-liġi li fil-fehma tagħha ma kellhomx jitħaddmu għal

dan il-każ, f'kull każ, jibqa' xorta waħda l-fatt li jekk Boris Arcidiacono Limited dehrilha li l-Qorti tal-Appell kellha tqis it-talbiet tagħha mil-lenti tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji hekk kif imsemmija fl-**Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili** jew inkella mill-perspettiva tad-dmirijiet tad-depożitarju skont l-**Artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili**, hija kien messha qajmet dawk l-argumenti b'mod ċar u formali fir-rikors tal-appell, u mhux ħalliet dan kollu għal issa.

40. Bilkemm għandu għalfejn jingħad, li bħala qorti ta' reviżjoni, il-Qorti tal-Appell setgħet tistħarreġ l-appell tal-kumpanija ritrattandi fid-dawl tal-aggravji li tressqu quddiemha, u ġaladarba fir-rikors tal-appell tal-20 ta' Ottubru, 2023, Boris Arcidiacono Limited naqset milli tressaq xi aggravju fis-sens li l-Ewwel Qorti ma ħaddmitx dawk l-artikoli tal-liġi li issa qiegħda tgħid li kellhom jgħoddu għal dan il-każ, hija ma tistax issa tippretendi li l-Qorti tal-Appell kellha ddawwar is-sentenza appellata għal raġunijiet li hija stess naqset milli ssemmi (ara ***Middlesea Insurance plc v. Falcotrans Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2023 u ***Miriam Frendo et v. Agatha Agius et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2008).

41. Jekk kien hemm xi nuqqas, dan kien għalhekk min-naħa tal-kumpanija ritrattandi stess, u mhux min-naħa tal-Qorti tal-Appell.

42. Fl-aħħar nett, il-Qorti tqis li f'kawżali ta' din ix-xorta, il-kumpanija ritrattandi lanqas ma tista' b'xi mod jew ieħor tilmenta li l-Qorti tal-Appell ma setgħetx tikkonkludi li l-verżjoni ta' Boris Arcidiacono ma setgħetx titwemmen.

43. Boris Arcidiacono Limited messha taf tajjeb biżżejjed li biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża la jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid, u wisq inqas ma jistgħu jerġgħu jiġu interpretati (ara ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

44. Fi kliem ieħor, biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-Qorti ma tistax tinterpreta l-fatti mod ieħor għajr minn kif ikunu ġew valutati u determinati fis-sentenza attakkata (ara ***AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2003).

45. Bla dubju ta' xejn, kull konsiderazzjoni dwar jekk il-verżjoni ta' Boris Arcidiacono setgħetx titwemmen jew le, hija kwistjoni b'rabta mal-apprezzament tal-provi u mhux mat-tħaddim tal-liġi, u għaldaqstant kull ilment f'dan is-sens ma jista' jkun tal-ebda fejda għal Boris Arcidiacono Limited f'kuntest ta' ilment taħt il-kappa tal-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

46. F'kull każ u sabiex ikun ingħad kollox, Boris Arcidiacono Limited lanqas ma tista' tippretendi li l-Ewwel Qorti jew il-Qorti tal-Appell kellha temmen b'għajnejha magħluqa l-verżjoni tad-direttur tagħha minħabba s-sempliċi fatt li dan ma sarlux kontroeżami.

47. Għalkemm veru li n-nuqqas ta' kontroeżami jista' jikseb ċertu rilevanza f'dawk il-każijiet li fihom ikun hemm xhieda u provi kunfliġġenti (ara ***Carmelo Vella et v. Brian Degiorgio*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024), dan però ma jsirx b'ħarsien tal-prinċipju ta' *«chi tace, acconsente»*, iżda bħala ħaġa waħda mill-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi (ara ***Irene Causin v. No Deposit Cars Malta Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).

48. Bil-maqlub għal dak li qiegħda targumenta l-kumpanija ritrattandi, in-nuqqas tal-kontroeżami għandu għalhekk jittieħed dejjem fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-provi kollha fl-atti, u dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni u l-konvinċiment morali tal-ġudikant dwar jekk għandux jemmen verżjoni ta' xhud — irrispettivament minn jekk isirlux kontroeżami jew le (ara ***Maria Dolores Debono v. Michael Fenech et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru, 2024; ***Christine Borda v. Joseph Borda*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024; u ***F. Advertising Limited v. Joseph Borg*** mogħtija

mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

49. Tħares minn fejn tħares, it-talba ta' Boris Arcidiacono Limited għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali **tal-Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma tistax għalhekk tirnexxi u konsegwentement qiegħda tiġi miċħuda.

50. Jifdal it-**<u>tieni raġuni</u>** li għaliha Boris Arcidiacono Limited qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2024, u sewwasew dik mibnija fuq iċ-ċirkostanza msemmija fl-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

51. F'dan ir-rigward, il-kumpanija ritrattandi ssostni li l-Qorti tal-Appell għamlet ħames żbalji ta' fatt li joħorġu mill-atti tal-kawża.

52. L-ewwel wieħed huwa li skont Boris Arcidiacono Limited, il-Qorti tal-Appell *«issopponiet b'mod żbaljat li ma kin[itx] meħtieġa withdrawal voucher jew awtorizzazzjoni espressa.»* Tilmenta li l-Qorti mank biss qieset jekk il-bank ritrattat ħaddimx proċeduri xierqa sabiex ħareġ iċ-ċekk inkwistjoni fl-ammont ta' €86,210, u f'dan ir-rigward ittenni li l-obbligi fiduċjarji tal-bank ritrattat kienu jitolbuh li jkun hemm awtorizzazzjoni espliċita qabel ma jsir pagament bħal dak.

53. It-tieni żball li sar skont Boris Acidiacono Limited huwa li l-Qorti tal-Appell *«assumiet ħażin»* li d-direttur tagħha Boris Arcidiacono kien preżenti fil-kamra li fiha ngħata ċ-ċekk lill-Avukat Delia u kien konxju tal-ħlas inkwistjoni. F'dan ir-rigward, tosserva li min-numri taċ-ċekkijiet jidher li tali ċekk kien l-aħħar wieħed minn fost sensiela ta' ċekkijiet li nħarġu dakinhar u targumenta li kieku huwa minnu li Boris Arcidiacono kellu jħallas lil Aequitas Legal u lil Aequitas Management Limited, dan kien jagħti struzzjonijiet ċari lill-bank sabiex il-ħlasijiet isiru permezz ta' ċekkijiet miktuba f'isimhom dirett, u mhux f'isem l-Avukat Delia personalment. Iżżid li l-fatt waħdu li l-Avukat Delia kiseb ċekk fl-ammont ta' €86,210 f'ismu personali, u wara għadda biex iddepożitah fil-kont tal-klijenti tiegħu, joħloq dubji serji dwar x'verament seħħ.

54. It-tielet żball li tirreferi għalih il-kumpanija ritrattandi huwa mbagħad li skont l-istess, il-Qorti tal-Appell *«assumiet b'mod żbaljat»* li hija jew inkella d-direttur tagħha kienu awtorizzaw jew irratifikaw il-ħlas inkwistjoni minħabba t-talba li saret għall-fatturi. Ittenni li l-Qorti tal-Appell ma setgħetx tassumi li d-direttur tagħha kien jaf b'dak li kien qiegħed jiġri, u b'mod partikolari tisħaq li ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-konvenuti li l-impjegat tagħha kien informaha bit-talba għall-bidla tal-fattura minn isem Aequitas Management Limited għal isem id-ditta Aequitas Legal.

55. Ir-raba' żball li sar skont Boris Arcidiacono Limited huwa mbagħad dwar l-evalwazzjoni tax-xhieda tad-direttur tagħha Boris Arcidiacono. Skont Boris Arcidiacono Limited din ix-xhieda tiskredita u teskludi għalkollox il-konklużjonijiet li wasslet għalihom il-Qorti tal-Appell.

56. Tagħlaq billi tgħid li l-aħħar żball li sar huwa li l-Qorti tal-Appell *«assumiet b'mod żbaljat»* li l-kumpanija HSBC Bank Malta plc hija xi ditta żgħira li tmexxi xi ħanut żgħir ġewwa r-raħal. F'dan is-sens, Boris Arcidiacono Limited targumenta li l-Qorti tal-Appell naqset milli tqis li bħala l-ikbar bank kummerċjali f'Malta, l-HSBC Bank Malta plc normalment jitlob lill-klijenti tiegħu jiffirmaw *vouchers* għal kull irtirar ta' flus li jsir minn kull fergħa, anke meta l-ammont ikun żgħir. Għar-ritrattandi, dan kellu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li l-evidenza mogħtija mill-bank ritrattat dwar «*il-mod dilettantesk*» li bih tgħid li kienu jiġu awtorizzati l-ħlasijiet li jsiru mill-kontijiet ta' self tal-klijenti, ma setgħetx titwemmen.

57. Fil-fehma tal-Qorti, l-ebda mir-raġunijiet imsemmija minn Boris Arcidiacono Limited ma jwasslu għal żball ta' fatt hekk kif imsemmi fl-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

58. Ibda biex, l-'iżbalji' kollha li Boris Arcidiacono Limited qiegħda tgħid li saru fis-sentenza attakkata, huma lkoll kemm huma b'xi mod jew ieħor,

marbuta mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell li l-pagament inkwistjoni sar bil-barka tagħha jew inkella tar-rappreżentant tagħha.

59. Kwistjoni bħal din tmiss sewwasew mal-qofol tal-kawża, tant li fis-sentenza attakkata, il-Qorti tal-Appell osservat li: «*dak li jħoll u jorbot f'din il-kawża hu jekk il-bank konvenut ingħatax struzzjonijiet mis-soċjetà attriċi sabiex mill-fondi appena mislufa lis-soċjetà attriċi jħallas lill-imsejjaħ fil-kawża s-somma ta' €86,210 bħala drittijiet professjonali.*» L-istess jidher mill-premessi tar-rikors maħluf li dwarhom Boris Arcidacono Limited sejset it-talbiet tagħha, kif ukoll mix-xorta ta' difiża li biha l-bank HSBC Bank Malta plc laqa' għall-kawża (ara t-tieni premessa u t-tielet, il-ħames u d-disa' paragrafi tad-dikjarazzjoni tal-fatti fir-rikors maħluf, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-bank konvenut).

60. Ġaladarba 'l-iżbalji' li l-kumpanija appellanti qiegħda tilmenta dwarhom huma b'rabta sħiħa ma' wieħed mill-punti ewlenin li kienu missielta u eventwalment deċiżi fis-sentenza attakkata, mela allura, Boris Arcidiacono Limited ma tistax issa iddur lejn il-kawżali msemmija fl-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan għaliex il-liġi titlob li din il-kawżali tgħodd biss sakemm *«il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza»* (ara ***Nazzareno Zahra et v. Emanuel Zahra*** mogħtija fil-11 ta' Novembru, 2024; ***Gianpaolo Lonzar et v. MLS – Multinational Logistic Services***

***Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ottubru, 2023; u ***Giuseppe sive Joseph Camilleri v. Emanuel Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

61. Għalkemm dan huwa biżżejjed biex tiġi miċħuda t-talba għal ritrattazzjoni ta' Boris Arcidiacono Limited, din il-Qorti tħoss li tkun qiegħda tonqos li kieku ma tosservax kif il-kumpanija appellanti qiegħda tkun żleali għall-aħħar u inġusta fil-kritika tagħha dwar li l-Qorti tal-Appell allegatament iddeċidiet il-kawża fuq dawk li tirreferi għalihom bħala *«assunzjonijiet»* jew inkella *«suppożizzjonijiet.»*

62. Biex jingħata eżempju, il-fatt li Boris Arcidiacono kien qiegħed fil-kamra meta nħareġ iċ-ċekk bil-pagament inkwistjoni, ma vvintatux il-Qorti tal-Appell, iżda ħareġ mill-provi, fosthom mix-xhieda ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami, li kien l-istess persuna li ħareġ iċ-ċekkijiet (ara x-xhieda ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami f'paġna 548 tal-atti tal-kawża).

63. Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell, ma warrbitx ix-xhieda ta' Boris Arcidiacono kif ġieb u laħaq, iżda għamlet dan biss wara li għarblet sewwa ċertu fatti <u>li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>, u li rriferiet għalihom fis-sentenza attakkata.

64. Fost dawk il-fatti kien hemm ittra tal-10 ta' Awwissu, 2009 li xxejjen

għalkollox il-verżjoni ta' Arcidiacono li huwa jew il-kumpanija ritrattandi ma kinux jafu bil-pagament inkwistjoni. Fis-sewwa, li kieku huwa minnu li Boris Arcidiacono Limited ma kinitx taf bil-pagament inkwistjoni, hija ma kienet qatt sejra tkun f'qagħda li titlob l-irċevuti fiskali b'rabta ma' dak il-ħlas, u dan saħansitra fl-istess ammont li dwaru hija din il-kawża (ara l-ittra ta' 10 ta' Awwissu, 2009, Dok EM2, f'paġna 123 tal-atti tal-kawża).

65. Għandu wkoll jingħad li l-ittra msemmija ntbagħtet kemm fuq *letterhead* bl-isem ta' *«Boris Arcidiacono»,* kif ukoll hija stampata bit-timbru tal-kumpanija ritrattandi, u għalhekk anke hawnhekk, il-Qorti tal-Appell ma assumiet xejn, iżda qagħdet fuq dak li jirriżulta iswed fuq l-abjad mill-atti tal-kawża.

66. Ifisser b'hekk li s-sentenza attakkata ma tgħid xejn li mhuwiex minnu jew li mill-atti tal-kawża jirriżulta mod ieħor. Il-fatt li Boris Arcidiacono Limited ma taqbilx mat-tifsira ta' dawk il-fatti mogħtija kemm mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fis-sentenza appellata) u kemm mill-Qorti tal-Appell (fis-sentenza attakkata) ma jġibx b'daqshekk li sar żball ta' fatt (ara ***J.V. & S Developments Limited v. Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).

67. Kulma qiegħda għalhekk tfittex Boris Arcidiacono Limited huwa biss li jerġgħu jiġu meqjusa mill-ġdid il-kwistjonijiet li ddeċidiet dwarhom

il-Qorti tal-Appell. Dan però mhuwiex permissibbli fi proċedura straordinarja bħal dik tal-lum, u dan sewwasew għaliex kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun qatgħet il-kawża (ara l-***Avukat Dottor Malcolm Cassar v. Edrichton Estates Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 2024; ***Anika Psaila Savona v. CHI Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024; u ***Carmelo Mallia v. Alfred Mallia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023).

68. Tassew, il-proċedura ta' ritrattazzjoni mhijiex maħsuba sabiex isservi bħala appell minn appell (ara ***George Camilleri et v. David Buttigieg et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2023, u ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023), u fid-dawl ta' dan kollu, l-ilmenti ta' Boris Arcidiacono Limited dwar li s-sentenza attakkata hija milquta minn żball ta' fatt qegħdin jiġu miċħuda.

69. Jiġi b'hekk, li l-ebda waħda mir-raġunijiet li għalihom il-kumpanija ritrattandi qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza attakkata ma hija fejjieda, u konsegwentement it-talbiet kollha ta' Boris Arcidiacono Limited sejrin jiġu miċħuda.

70. Għall-istess raġunijiet li għadhom kif jingħataw, din il-Qorti jidhrilha li t-talba ta' Boris Arcidiacono Limited għat-tħassir tas-sentenza attakkata hija tassew fiergħa u vessatorja, u fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti sejra tkun qiegħda bis-setgħat mogħtija lilha bl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tikkundanna lill-istess Boris Arcidiacono Limited sabiex tħallas lir-ritrattati l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha ta' Boris Arcidiacono Limited għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 2024.

Fl-aħħar nett, u bis-setgħat mogħtija lilha bl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti qiegħda tikkundanna lil Boris Arcidiacono Limited sabiex tħallas lill-HSBC Bank Malta plc u lill-Avukat Adrian Delia, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Anthony Ellul<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb